MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2010

Numru 620/2010

**IL- PULIZIJA**
**SUPRETENDENT CARMELO BARTOLO**
**KONTRA**

**EMMA GRIXTI**
**CLAYTON CACHIA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Emma Grixti ta’ 24 sena, bint Joseph Mary u Mary Bridget nee’ Jones, mwielda Pieta’ nhar is- 26 ta’ Fara 1986, residenti 8, Ir- Rokna, Triq Alessandru, Zurrieq u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 108186(M);

U

Clayton Cachia ta’ 25 sena, bin Anthony u Mary nee’ Spiteri, mwieled Pieta’ nhar is- 26 ta’ Marzu 1985, residenti 147, Triq Ninu Cremona, Rahal Gdid u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 190585(M);

Li gew mressqa quddiemha sabiex iwiegbu ghall-imputazzjonijiet;

Talli;

1) F’ dawn il- Gzejjer f’ xi hin matul il- perjodu ta’ bejn 12.00pm tas- 27 ta’ Mejju 2005 u l- 10.30am tal- 31 ta’ Mejju 2005, ikkommettew serq ta’ diversi oggetti ikkwalifikat bi vjolenza numerika, bil- lok, hin, mezz, kif ukoll bil- valur li jiskorri l- €2,329.37, liema serq sar ghad-detriment ta’ Mary Rose Zammit u zewgha Adrian Zammit miz- Zejtun;

2) U aktar talli nhar id- 9 ta’ Gunju 2005, u matul ix-xhur ta’ qabel din id- data, f’ dawn il- Gzejjer, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’ qerq, jew akkwistati b’ reat, sew jekk dan sar f’ Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’ kull mod li jkunu ndahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom liema oggetti gejjin minn serq ikkwalifikat bil- valur li jiskorri l- €2,329.37);

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputati irregistraw ammissjoni f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnhom wara li l-Qorti tathom zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidraw sew din l-ammissjoni.

Rat illi, ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, bl-ammissjoni bikrija tal-imputat, din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Struttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali, u ghaldaqstant setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

Din il-Qorti, in virtu' tal-ammissjoni bikrija ta' tnejn mit-tlitt imputati imressqa quddiemha, qed issibhom hatja ta' ricettazzjoni – stante li l-Ufficjal Prosekutur stess spjega lill-Qorti li l-investigazzjoni wasslet ghal dik l-istess konkluzjoni – u ghalhekk tista' tinghata s-sentenza fil-konfront taghhom. Kwantu ghat-tielet imputat, il-Qorti ordnat is-separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront tieghu sabiex tissokta l-kumpilazzjoni fi procedure separati.

Dan ir-reat jirrisali ghal madwar hames snin ilu, meta l-imputati kienu ghadhom ibatu minn problema ta' abbuz ta' droga. Illum, ghalkemm ma hemm ebda certezza f' dan is-sens, din il-problema jidher li naqset sew, u ghalhekk ghandha tittiehed in konsiderazzjoni meta tinghata l-piena. Hija l-fehma tal-Qorti li l-imputati jinghataw ghinuna u fl-istess hin jigu sorveljati sabiex jigi assigurat li ma jergghux jaqghu fit-triq tal-kriminalita'. Ghalhekk il-Qorti sejra tapplika sanzjoni fil-komunita' bil-hsieb li jigu reintegrati fis-socjeta'.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 261, 263, 267, 268, 269, 270, u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputati hatja tat-tieni imputazzjoni u ghaldaqstant tordna li jitqieghedu taht Ordni ta' Probation ai termini tal- Artikolu 7 tal- Kapitolu 446 ghal tlett (3) snin.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel imputazzjoni, peress illi din inghatat bhala alternattiva ghat-tieni.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------